



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

Brussell, 11 ta' April 2013 (18.04)

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0156 (COD)**

**5394/13
ADD1 REV 1**

**DENLEG 4
AGRI 20
SAN 17
CODEC 94
OC 21**

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009

LINJI GWIDA KOMUNI

Skadenza ta' konsultazzjoni għall-Kroazja: 16.4.2013

– Abbozz ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-24 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni Ewropea sottomettiet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali¹ abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn il-quddiem "TFUE").
2. F'konformità mal-Artikolu 114(1) tat-TFUE, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2011².
3. Filwaqt li aġixxa f'konformità mal-Artikolu 294(3) tat-TFUE, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-14 ta' Ġunju 2012³, u approva 83 emenda għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni.
4. F'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-TFUE, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari permezz ta' maġġoranza kwalifikata fi [...] 2013.

II. OBJETTIVI

5. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jissostitwixxi d-Direttiva 2009/39/KE dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari⁴ u numru ta' atti tal-Kummissjoni li jimplementaw dik id-Direttiva, waqt li jneħħi l-kunċett ta' ikel 'dijetetiku'.

Dan jipprevedi dispożizzjonijiet ġenerali għodda għal numru limitat ta' kategoriji tal-ikel li huwa kkunsidrat essenzjali għal ċerti gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni (formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment, ikel proċessat biċ-ċereali u ikel tat-trabi, ikel għal skopijiet mediċi speċjali u ikel bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż) u għal lista ta' sustanzi tal-'Unjoni' (bħal vitamini, minerali u xi sustanzi oħra) li jistgħu jiżdiedu għal mal-kategoriji ta' ikel imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost.

¹ 12099/11 (COM(2011)353final).

² NAT/518 – CESE 1604/2011.

³ EP-PE_TC1-COD(2011)0156.

⁴ ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.

Ifittex li jikkjarifika l-qafas legali billi jevita s-sovrappoiment bejn il-leġislazzjoni speċifika applikabbli għal tali ikel u l-leġislazzjoni applikabbli għall-ikel normali, u billi jagħlaq lakuni legali taħt is-sistema eżistenti.

Għandu l-għan ulterjuri li jiżgura li r-regoli tal-UE dwar tali ikel jiġu applikati fl-istess mod fl-Istati Membri kollha, u b'hekk jgħin biex jipprovdi ċertezza legali fl-interessi kemm tal-konsumaturi u l-produtturi filwaqt li jipprevjeni distorsjonijiet fis-suq intern⁵.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

6. Il-pożizzjoni tal-Kunsil tintroduċi diversi bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni. Għalkemm b'abbozzar differenti, il-bidliet huma l-biċċa l-kbira konformi mal-opinjoni espressi fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.
7. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tqis kważi l-emendi sostantivi kollha ssuġġeriti mill-Parlament Ewropew, b'mod partikolari:
 - a) fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament propost:
 - l-inklużjoni tal-kategorija ta' (sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż) ikel fl-ambitu tar-Regolament propost (it-titolu, il-punt (d) tal-Artikolu 1(1), il-punt (h) tal-Artikolu 2(2) u l-premessa 16 li tkopri l-emendi 1, 11, 12, 20, 26, 36, 46);

⁵ Attwalment, ikel simili jista' jiġi kkumerċjalizzat fi Stati Membri differenti bħala ikel għal użi ta' nutrizzjoni partikolari u/jew bħala ikel għall-konsum normali indirizzat għall-popolazzjoni inġenerali jew għal ċerti subgruppi bħal nisa tqal, adulti ikbar fl-età, tfal li qed jikbru, adolexxenti u oħrajn. Din is-sitwazzjoni ddgħajjef il-funzjonament tas-suq intern, toħloq inċertezza legali għall-awtoritajiet, il-produtturi u l-konsumaturi u ggħib ir-riskju ta' abbuż tas-suq u distorsjoni tal-kompetizzjoni.

- il-prinċipju li nies li ma taqbilx magħhom il-glutina għandhom jingħataw mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni li jirċievu taħt il-qafas legali attwali (il-premessa 41); ir-regoli dwar l-użu tal-"indikazzjonijiet mingħajr glutina" għandhom jiġu ttrasferiti taħt ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi⁶ (emendi 1, 11, 12, 20, 35, 44, 45, 70, 90);
 - l-importanza li jiġi ċċarat l-istatus ġuridiku ta' indikazzjonijiet "mingħajr lattożju" (il-premessa 42 li tkopri l-emendi 25, 80); ir-regoli dwar l-użu ta' tali indikazzjonijiet għandhom jiġu rregolati taħt ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011;
 - il-ħtieġa għal rapporti tal-Kummissjoni li jevalwaw jekk dispożizzjonijiet dwar ikel għall-isportivi (l-Artikolu 13 u l-premessi 32, 33, li jkopru l-emenda 6) u dwar xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar (l-Artikolu 12 u l-premessa 31 relatati mal-emendi 21, 81) huma meħtieġa; ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom jiġu ppreżentati sa sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost;
 - il-fatt li 'ikel għal trabi tat-twelid b'piż baxx u prematuri' qiegħed fl-ambitu tar-Regolament propost, kif iċċarat fil-premessi 29, 30 li jkopru l-emendi 13, 34, 43, 92;
- b) il-fatt li sustanzi ta' ħsara għas-saħħa għandhom jiġu esklużi mill-kompożizzjoni tal-kategoriji ta' ikel imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost (il-premessa 3, li tkopri l-emenda 3);
- c) il-ħtieġa li dan is-settur jiġi regolat u jiġi ċċarat għal liema prodotti huwa applikabbli r-Regolament propost (l-emenda 4, li kienet diġà koperta mill-premessi 9 u 13 tal-proposta tal-Kummissjoni u li hija koperta wkoll mill-premessa 10);

⁶ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

- d) tingħata iżjed enfażi fuq il-ħtieġa għall-gwida teknika tal-Kummissjoni li tista' tiffaċilita l-konformità tal-operaturi fis-settur kummerċjali tal-ikel, b'mod partikolari impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), bir-Regolament propost (l-Artikolu 14 u l-premessi 10, 34 li jkopru l-emendi 8, 29, 30, 31, 72);
- e) l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni, kif imniżżel fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel⁷, għall-ikel imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost (l-Artikolu 5 li jkopri l-emendi 9, 10, 53, 64, 69);
- f) il-ħtieġa li tirrestrinġi, kemm jista' jkun possibbli, ir-residwi tal-pestiċidi koperti mir-Regolament propost (il-punti (b) u (g) tal-Artikolu 11(1) u l-premessi 20, 21, 22 relatati mal-emendi 15, 16, 17, 62, 63);
- g) l-istabbiliment tal-lista ta' sustanzi tal-Unjoni, kif imniżżel fl-Anness għar-Regolament propost, li jista' jżidded għal waħda jew iżjed kategoriji ta' ikel imsemmija fl-Artikolu 1 u l-aġġornament possibbli tagħha permezz ta' atti delegati (l-Artikoli 1(2), l-Artikolu 15 u 16, il-premessi 36, 37, 38, 39, u l-Anness li jkopri l-emendi 22, 24, 37, 87, 88, 89);
- i) is-soġġezzjoni ta' sustanzi li huma nanomaterjali maħdumin għal metodi ta' ttestjar adegwati u, b'hekk, l-inklużjoni ta' referenza għad-definizzjoni ta' nanomaterjali maħdumin fir-Regolament (UE) 1169/2011 (l-Artikolu 9(2) u l-punt (b) tal-Artikolu 2(1) u l-premessa 23 li tkopri l-emendi 23, 41, 87)
- j) fir-rigward tad-delega ta' setgħat:
- l-esklużjoni mis-setgħat li għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni ta' adattamenti għad-definizzjonijiet (l-Artikolu 2(3) tal-proposta tal-Kummissjoni mħassra mill-emenda 48) hekk kif iż-żewġ istituzzjonijiet jikkunsidrawhom elementi essenzjali tar-Regolament propost, u b'hekk il-bidliet jistgħu jsiru biss permezz ta' proċedura legiſlattiva ordinarja;

⁷ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

- il-proċedura għall-adozzjoni ta' atti delegati (l-Artikolu 18 li jkopri l-emenda 77) u l-lista ta' atti delegati li għandha tiġi adottata (l-Artikolu 18 li jkopri l-emendi 78 u 79 u l-premessa 39 li jkopru l-emenda 22).
 - k) il-fatt li l-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar tal-ikel m'għandhomx jattribwixxu propjetajiet lill-ikel għall-prevenzjoni, it-trattament jew il-kura ta' mard tal-bniedem (l-Artikolu 9(5) u l-premessa 25 li tkopri l-emenda 58);
 - l) l-importanza tal-'irdiġh tal-ħalib tal-omm' u sabiex ma jiskoraġġixxuhx, l-estensjoni tal-projbizzjoni tal-istampi ta' trabi fl-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' formula tat-trabi għall-ittikkettar ta' formula tal-prosegwiment (l-Artikolu 10 u l-premess 26 li tkopri l-emenda 59);
 - m) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil professjonisti fil-kura tas-saħħa dwar l-ikel imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost (l-Artikolu 9(6) li jkopri l-emenda 60);
 - n) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta dwar rakkomandazzjonijiet għall-użu xieraq tal-ikel (l-emenda 67, diġà koperta mill-Artikolu 9(5)).
8. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tinkorpora wkoll l-emendi 19, 39, 40, 49 (it-2 parti), 51, 52, li huma ta' natura teknika jew editorjali u għandhom l-għan li jtejbu ċ-ċarezza tat-test.
9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tintroduċi wkoll ulterjorment il-possibiltà għall-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk ikel partikolari jaqgħax fl-ambitu tar-Regolament propost u taħt liema kategorija ta' ikel jappartjeni (l-Artikolu 3 u l-premessa 40).

10. Madankollu, il-pożizzjoni tal-Kunsill ma tinkludix xi emendi ssuġġeriti fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, għar-raġunijiet li ġejjin:
- a) L-emenda 2 hi maħsuba li tagħti enfasi partikolari lis-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost, hekk kif ir-Regolament propost mhux limitat għas-sikurezza tal-ikel. Għandha, jekk dejjem hu possibbli, titqiegħed fil-kuntest tal-moviment liberu ta' ikel sigur u nutrittiv, kif propost mill-Kummissjoni.
 - b) L-emenda 5 dwar il-kontribut tal-Unjoni għall-applikazzjoni ta' prattiki xierqa għall-kummerċjalizzazzjoni tas-sostituti tal-ħalib tal-omm fil-pajjiżi terzi minn manifatturi bbażati fil-Komunità, hekk kif ir-referenza għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1992 mhix totalment adegwata jew preċiża. Fil-fatt, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandu pożizzjoni aktar reċenti u speċifika tal-koleġislaturi rigward l-obbligi tal-operaturi fis-settur kummerċjali tal-ikel fir-rigward ta' ikel impurtat fl-Unjoni u ta' ikel esportat mill-Unjoni.
 - c) L-emenda 7 dwar l-ikel li għandu jittiekel minn persuni li jsofru minn problemi ta' metaboliżmu minħabba l-karboidrati ("id-dijabete"), li qiegħda barra mill-kuntest, għaliex "id-dijabete" mhix koperta speċifikament mir-Regolament propost bħala marda.
 - d) L-emenda 18 dwar l-applikabbiltà tar-Regolament (KE) 178/2002, l-emendi 27, 28, u 54 dwar is-superviżjoni, l-emenda 49 (l-ewwel parti) li tirreferi għad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-importazzjoni-esportazzjoni applikabbli għall-ikel u l-emenda 68 dwar monitoraġġ ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni, għax jirrepetu leġislazzjoni fis-seħħ.
 - e) L-emendi 50 u 91, li jipprevedu awtorizzazzjoni temporanja permezz tal-istess proċedura (rapida) hekk kif l-awtorizzazzjoni indefinita tkun tinvolvi piż amministrattiv supplementari mhux neċessarju. Barra minn hekk, is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex taġġorna regolarment ir-rekwiżiti li japplikaw għall-ikel imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost sabiex jippermetti li l-konsumaturi jibbenefikaw mill-progress tekniku u xjentifiku, speċjalment fir-rigward ta' prodotti innovattivi (l-Artikolu 11(2) u l-premessa 27).

- f) L-emenda 47 dwar il-kategoriji ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali, l-emenda 61 dwar l-elementi li għandhom jiġu nnotifikati għal skopijiet ta' monitoraġġ u l-emendi 71 u 82 li jispeċifikaw id-definizzjonijiet ta' ikel bi ftit kaloriji u ikel bi ftit ħafna kaloriji, li huma dettaljati wisq biex jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' att bażiku u pjuttost għandhom jiġu indirizzati, pereżempju, permezz ta' atti delegati.
- g) L-emenda 56 dwar ir-referenzi projbiti fuq l-ittikkettar tal-ikel għal "konsum normali", li m'għadux applikabbli aktar, minħabba li d-distinzjoni bejn "ikel dijetetiku" u "ikel għall-konsum normali" tneħħiet mir-reviżjoni attwali.
- h) L-emenda 66, hekk kif ir-regoli fis-seħħ ma jistgħux jiġu ttrasferiti awtomatikament għal atti delegati fil-kuntest ta' qafas leġislattiv ġdid.
- i) L-emendi 75 u 76 dwar informazzjoni relatata għal applikazzjonijiet, hekk kif twaqqgħu bil-bidliet fit-test legali.

L-emendi 14, 33, 38, 55 u 57 ġew rifjutati wkoll minħabba l-assenza ta' kwalunke bidla sostantiva fit-test.
